# IN-NISĠA

x'qed isir mill-Kunsill Malti għall-Artiġjanat

Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari
Ministeru tal-Finanzu u l-Affarijiet Ekonomiċi

MALTA CRAFTS COUNCIL
IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTIĠJANAT

SMALL BUSINESSES & CRAFTS DIRECTORATE

Fuljett Maħruġ mill-Kunsill Malti għall-Artiġjanat

Numru 2 – Novembru 2003

## Messaġġ mill-Onor. Edwin Vassallo, Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi

Ħbieb,

Dan huwa fuljett ieħor li jixhed li l-Kunsill Malti għall-Artiġjanat qed jaħdem biex l-Artiġjanat Malti jkun aktar apprezzat u rikonoxxut bħala valur miżjud. Sodisfatt nara iżjed imprendituri jkunu nteressati biex ibigħu mill-ħwienet tagħhom Artiġjanat Malti. Iż-żmien qed jagħtina raġun. Ħafna qed jintebħu li mill-importazzjoni ma hemmx qligħ, kif ukoll lanqas raġuni li jkun hemm investiment marbut ma' l-importazzjoni ta' oġġetti għall-bejgħ bħala *souvenirs*. Illum sodisfatt ninnota iżjed imprendituri jagħżlu li jinvestu f'Artiġjanat Malti biex dawn imbagħad ibigħu l-prodotti kemm lill-Maltin kif ukoll lill-barranin li jkunu jridu jixtru prodott li joffri valur għall-flus minfuqa. Nawgura li l-ħidma tal-Kunsill twassal biex il-bejgħ ta' l-Artiġjanat Malti jiżdied.

Segretarju Parlamentari
Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi

## 'L fuq minn 14,000 ruħ iżuru l-fiera *Malta Day-UK*



Il-Malta Day-UK kienet organiżżata għat-tielet sena konsekuttiva mill-Ambaxxata Maltija f'Londra fit-13 ta' Settembru, 2003 fl-okkażjoni tal-festa tal-Vittorja.

Fl-edizzjoni ta' din is-sena ħadu sehem 8 artiġjani f'isem il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat kif ukoll xi artiġjani oħrajn minn Għawdex. Il-prodotti li ntbagħtu għall-fiera kienu varji u jikkonsistu: pittura, xogħol tax-xemgħa, żejt taż-żebbuġa ta' Malta, inbid u liqueur ta' Malta, ikoni, għamara u xogħol minqux fl-injam. 580 Malti u Għawdxi telgħu apposta minn Malta u Għawdex biex igawdu dan l-avveniment.

Kien irrapurtat li madwar 14,500 ruħ żaru l-fiera. L-attività bdiet filgħodu b'fiera li saret fis-sala tal-Knisja ta' St. Columba fiċ-ċentru ta' Londra.

Wara nofs in-nhar kienet ċelebrata quddiesa mill-Isqof t'Għawdex Mons.Nikol Cauchi. Wara saret purċissjoni bl-istatwa tal-Bambina. Filgħaxija kien organiżżat *Gala Dinner.* Il-Prim Ministru ta' Malta l-Onor Eddie Fenech Adami attenda għal din l-okkażżjoni.

## Data Protection Act

Biex il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat ikun konformi mal-provedimenti fil-liġi tal-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (*Data Protection Act)* li daħlet fis-seħħ fl-Lulju 2003 qiegħed jintalab mingħand kull artiġjan u imprenditur reġistrat mal-Kunsill il-kunsens bil-miktub biex:

- id-dettalji tiegħu jidhru fid-Direttorju ta' l-Artiġjani u l-Imprendituri li jippubblika l-Kunsill minn żmien għall-żmien kemm f'forma ta' ktieb u kemm f'forma elettronika;
- id-dettalji tiegħu jkunu mogħtijin meta l-Kunsill jintalab tagħrif minn terzi persuni (eż. dwar parteċipazzjoni f'xi fieri, wirjiet u attivitajiet simili, okkażżjonijiet ta' promozzjoni ta' l-artiġjanat Malti) dwar is-settur/i ta' l-artiġjanat li jkun reġistrat taħtu/taħthom.

**Dawk l-artiġjani u imprendituri li għadhom ma bagħtux il-kunsens tagħhom huma mitluba jieħdu azzjoni issa u jibagħtuh biex ikun jista' jitħaffef il-proċess tax-xogħol li jrid isir.**




## Lace Day (Ġurnata tal-Bizzilla)

Il-*Lace Guild* li tħaddan fiha numru ta' artiġjani li jaħdmu bl-idejn il-bizzilla f'Malta u Għawdex sejra torganizza ***Lace Day*** nhar il-Ħadd 9 ta' Novembru, 2003 bejn l-10.00 a.m. u l-4.00p.m.

Din il-*Ġurnata tal-Bizzilla* sejra tkun mtella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Artiġjanat, fil-Kavallier ta' San Ġakbu Ċentru tal-Kreattività, il-Belt, Valletta.

## Ikunu ppubblikati *Standards* Maltin fuq il-bizzilla u filigranu maħdumin bl-idejn

Iż-żmien mogħti biex il-pubbliku jagħti l-kummenti tiegħu fil-fażi tal-*public inquiry* dwar iż-żewġ abbozzi ta' standards għalaq.
Issa jmiss li wara li jkunu diskussi il-kummenti li kienu sottometti jkunu stabbiliti l-linji ta' proċedura wżati fiċ-ċertifikazzjoni u ż-żewġ abbozzi jkunu riferuti lill-***Board ta' l-Istandards*** ta' l-MSA għall-approvazzjoni.
Hu antiċipat li ż-żewġ *standards* ikunu ppubblikati uffiċjalment f'Novembru, 2003.

## Aktar minn 200,000 ċertifikati mqassma mill-Kunsill

Mindu il-Kunsill daħħal is-sistema taċ-ċertifikati *tags* f'Lulju, 2001 tqassmu b'kollox 220,000 ċertifikati bla ħlas lill-artiġjani u imprendituri Maltin biex jitqiegħdu ma' prodotti ta' l-artiġjanat maħdumin f'Malta.
Iċ-ċertifikati kienu pprintjati fl-Istamperija tal-Gvern, il-Marsa.
It-tieni edizzjoni ta' 100,000 ċertifikati f'forma ta' *tags* kienet utilizzata kollha. Għalhekk l-Kunsill qed iħejji t-tielet edizzjoni.
Dan huwa sinjal pożittiv u jagħti indikazzjoni li l-iskop taċ-ċertifikati li jservu bħala *marketing* għall-prodotti Maltin u Għawdxin li huma verament maħdumin f'Malta qiegħed jintlaħaq. Madankollu, għad hemm ħafna artiġjani li ma jagħmlux użu minn dawn iċ-ċertifikati li s'issa dejjem tqassmu bla ebda ħlas.
L-għan tal-Kunsill, li jrawwem id-drawwa tajba (*good practice*), li prodott Malti jew Għawdxi li hu tajjeb wieħed għandu jiftaħar bih u jurih u jirrikmandah, tidher li qed tidħol bil-mod.

## *Course* dwar *Packaging, Marketing u Window Dressing*

Wara s-suċċess li nkiseb fl-ewwel *course* ta' 5 *lectures* dwar il-*packaging* li organizza bla ħlas l-Kunsill Malti għall-Artiġjanat għall-artiġjani u l-imprendituri reġistrati mal-Kunsill, il-Kunsill qed iħejji biex fil-futur qarib i.e. fil-bidu ta' Novembru 2003 isir *course* ieħor li jinkludi *packaging, marketing u window dressing.* Il-ħsieb hu li jsir bil-kollaborazzjoni tal-MCAST (***Kulleġġ Malti ta'l-Arti, Xjenza u Teknoloġija).***

## L-i*Small Businesses and Crafts Directorate* lesta tisma' u tgħin

SMALL BUSINESSES & CRAFTS DIRECTORATE

Jekk fil-linja tan-negozju jew intrapriża żgħira tiegħek tiltaqa' ma' xi diffikultajiet burokratiċi minn xi entitajiet li jipprovdulek servizz ċempel l-uffiċċju ta' l-SBCD li jaqa' taħt id-Diviżjoni tal-Kummerċ.
Biex tinqeda, dan l-Uffiċċju jinstab telefonata biss il-bogħod u tista' ċċempel 24 siegħa kuljum fuq in-numru 21226688. Wara l-ħin tax-xogħol tista' tħalli messaġġ fuq l-*answering machine* u wara tkun ikkuntatjat/a minn uffiċjali tad-Direttorat.
L-SBCD għandu r-rwol li jiffaċilita l-kommunikazzjoni bejn in-negozjanti u kull awtorità, korporazzjoni, ministeru jew dipartiment li jipprovdi servizz lis-settur tan-negozju.

## Parteċipazzjoni fl-*Spring Fair, f'Birmingham UK*

Il-*Malta Enterprise*, bl-assistenza tal-Kunsill Malti għall-Artiġjanat, sejra torganizza padiljun ta' Malta fil-Fiera Internazzjonali famuża li ssir f'Birmingham fir-Renju Unit bejn l-1 u 5 ta' Frar 2004.
Is-sena l-oħra kważi 4000 esibitur ħadu sehem u l-fiera ġibdet madwar 80,000 viżitatur kummerċjali.
L-artiġjani u l-imprendituri reġistrati mal-Kunsill kienu infurmati b'din l-attivita u ngħataw dettalji biex min hu interessat jaħtaf l-opportunita' u japplika.

## Il-Villaġġ għall-artiġjanat Malti f'Ta' Qali

Bħalissa għaddej xogħol kontinwu sabiex jiġu ffinalizzati l-preparazzjonijiet sabiex jinbeda il-proġett ferm ambizzjuż tal-villaġ għall-artiġjanat Malti f'Ta' Qali.
Inizjattiva kuraġġuża li żgur ser ikun pass ieħor importanti li jagħti spinta 'l quddiem lil dawk kollha li jimmanifatturaw, jippromovu u jbigħu l-artiġjanat Malti.
Is-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo, bħala il-persuna responsabbli minn negozji iż-żgħar, huwa impenjat bis-sħiħ sabiex jiggarantixxi t-twettiq ta' dan il-proġett li fih jinkorpora vetrina vera tal-prodotti Maltin, f'ambjent li jixraq lill-artiġjani, u fejn huma jkunu jistgħu jibqgħu joperaw bl-inqas inkonvenjent possibbli.
Ix-xogħol fuq il-pjanti issa huwa lest. Qed jiġu imħejjija set ta' kundizzjonijiet u kuntratt li finalment ser jinħareġ f'tender għall- iżviluppaturi tal-proġett. Ġew ikkonsultati id-Dipartimenti kollha konċernati fejn jidħlu servizzi essenzjali li jridu jitwasslu lil kull okkupant. Kif ukoll, wara li issa ġew riallokati dawk kollha li sa issa minn dejjem operaw minn din iż-żona, issa qed nistennew lil MEPA sabiex toħroġ il-permessi meħtieġa.

## Proġett għaż-Żona Industrijali tal-Mosta

Numru ta' artiġjani u negozji żgħar oħra li joperaw minn ġewwa ż-żona industrijali tal-Mosta, bħalissa qed jistennew bil-ħerqa li jitlesta proġett ieħor ta' siewi, fejn qed isiru diversi xogħolijiet infrastrutturali li finalment ser ikunu jistgħu itejbu l-operat ta' kull minn jaħdem f'din iż-żona.
Qed titlesta kamra u pompa tad-dranaġġ li takkomoda iż-żona kollha, twaħħlu numru ta' bozoz ġodda sabiex dawlu it-toroq ta' madwar, inħareġ *tender* fuq kostruzzjoni mill-ġdid ta' Triq in-Naġġar u Triq Borton, kif ukoll qed jitħejjew il-pjanti, u qed jiġi ffinalizzat il-kuntratt fuq *tender* ieħor li jkopri l-għoti tat-*tarmac* għat toroq l-oħrajn kollha li jaqgħu taħt din iż-żona industrijali.

## L-Artiġjani fl-Imrieħel

Żona oħra industrijali, u fejn insibu numru sostanzjali ta' artiġjani u negozji li jimmanifatturaw prodotti Maltin, hi dik ta' l-Imrieħel.
Hawnhekk twaqqaf kumitat ta' azzjoni minn fost dawk li joperaw minn din iż-żona, sar tindif minn skart goff u twaħħlu *cctv cameras* sabiex tkun tista' issir aktar sorveljanza. Issa ingħataw u twaħħlu ukoll l-ismijiet il-ġodda għat-toroq li, sal-lum, kien għadhom bla isem. Kif ukoll qed jitħejja direttorju informattiv, fejn fih qed tiġi aġġornata u tibda tinżamm l-informazjoni kollha ta' kull operatur li jaħdem minn din iż-żona.

**COMMERCE DIVISION**
Tel.: 25690332
Lascaris Valletta
www.mfea.gov.mt
charles.j.vassallo@gov.mt